MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 394/1996/1

**V. Petroni Limited.**

**-vs-**

**Emanuele Dingli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta' Frar, 1996 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi l-kumpanija attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' elf, seba' mija, sebgħa u ħamsin lira Maltija, bilanċ ta' prezz ta' *electronic equipment* lilu mibjugħ u kkonsenjat, u li dan naqas li jħallas, għalkemm interpellat.

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 167-170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, stante li d-dejn fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u skadut, u fil-fehma tal-attur, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba għal ħlas tal-imsemmi ammont, u l-attur qed jannetti ma' dan l-att affidavit markat dok A a tenur tal-artikoli preċitati.

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skond l-artikoli 167 – 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili,

2. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' Lm1,657, għar-raġunijiet indikati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenut li jibqa' inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta' attriċi maħlufa minn Victor Petroni, I.D. nru. 772348 u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Frar, 1996 li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba għas-smigħ tal-kawża skond l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-23 ta' Frar, 1996 li permezz tagħha eċċepixxa;

1. Illi preliminarjament irid jiġi ppruvat dak allegat mil-kumpanija attriċi.

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi għal elf, sitt mija, sebgħa u ħamsin Lira Maltija (LM1,657) bħala bilanċ allegatament dovut,

huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-aħħar li kienu saru xi transazzjonijiet kummerċjali bejn il-kumpanija attriċi u l-konvenut kien fl-1992, meta l-konvenut kien għamel il-pagamenti relattivi.

3. Illi fil-mertu, dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' hawn fuq, qed jiġi eċċepit illi *nonostante* il-konvenut kien talab lill-kumpanija attriċi għal diversi drabi u fuq medda ta' snin, kopja tal-*invoices* rappreżentanti transazzjonijiet kummerċjali ta' bejniethom, u dan għal verifikazzjoni tat-talbiet attriċi kull meta l-konvenut kien ikun interpellat mill-istess kumpanija attriċi, hu qatt ma ngħata risposta, wisq anqas sodisfazzjon mill-istess kumpanija attriċi.

4. Illi matul is-snin meta kienu għadhom isiru t-transazzjonijiet kummerċjali bejn il-kumpanija attriċi u l-konvenut permezz ta' *salesperson*, il-pagamenti li kienu jkunu dovuti lill-kumpanija attriċi kienu dejjem isiru mill-konvenut permezz ta' *cheques*.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport tal-perit legali.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2006 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat;

Illi l-vertenza nqalgħet għaliex il-partijiet ma qablux dwar jekk il-konvenut kellux xi dejn mas-soċjeta' attriċi wara xi snin li huwa kien jixtri mingħandhom. Skond il-konvenut qed jgħid illi huwa kien ilu jitlob rendikont lis-soċjeta' attriċi illi pero' qatt ma tatulu u anke li hu dejjem ħallas id-djun li kellu permezz ta' *cheques* lis-*salesman* li kienu jibgħatu l-atturi. Għall-ewwel il-Qorti kienet inkarigat perit komputista iżda dan kellu jirrinunzjja għall-inkarigu wara li żamm xi seduti u ġie mibdul ma' perit legali.

Il-konklużjonjiet tal-perit legali kienu illi;

"*Sfortunatament apparti l-fatt li l-konvenut kien ġie li jixtri cash u mhux dejjem on invoice, kif irriżulta mill-provi minkejja c-ċaħda tiegħu meta kien iħallas on account ma kienx dejjem jaqta' l-invoice kollu iżda parti biss u għalhekk mhux faċli li wieħed jalloka l-pagamenti li saru b'cheque kontra invoice partikolari. Isegwi wkoll li wieħed jista' jassumi li diversi miċ-cheques kienu nħarġu mill-konvenut bħala pagamenti ta' cash sales u għalhekk ma gewx kreditati kontra invoices. Għalhekk huwa inutili għall-konvenut li jesebixxi cheques bħala prova ta' pagament ta' invoices u jippretendi li b'hekk warrab il-presunzjoni.*

*Għalhekk jirriżulta pruvat illi;*

*a. Il-konvenut kien fil-fatt jixtri on invoice u mhux cash sale basis biss kif allegat; l-invoices esebiti mis-soċjeta' attriċi fil-fatt inħarġu fil-konfront tal-konvenut illi aċċettahom u ffirmahom;*

*b. il-konvenut konfrontat bl-invoices iffirmati minnu ma ġabx prova sodisfaċenti biex iwaqqa l-presunzjoni li għadhom dovuti iżda pproduċa biss 112 cheque. Minn dawn ic-cheques hemm diversi li gew kreditati kontra invoices pero' irrizulta wkoll li ħafna minnhom inħarġu*

*bħala pagament ta’ cash sales u għalhekk mhux kontra invoices.*

*c. It-transaction history Dok KG1 sa KG4 jidher dettaljat u magħmul b’ċerta attenzjoni.*”

Il-perit legali kkonkluda għalhekk li l-konvenut baqalu jagħti elf, ħames mija u tmienja u sittin Lira Maltin (Lm1568.08) lis-soċjeta’ attriċi. Il-Qorti taqbel ma’ dan ir-raġunament. Għalkemm il-konvenut ippreżenta numru kbir ta’ kopji ta’ *cheques* maħruġa minnu favur is-soċjeta’ attriċi, dawn ma humiex prova biżżejjed li huwa kien qed iħallas dawk l-ammonti ndikati fl-*invoices* preżentati mis-soċjeta’ attriċi. Il-Qorti taqbel mal-konvenut illi l-hekk imsejjħa *transaction history* ġiet kompilata fil-mori tal-kawża iżda dan ma jfissirx li ma hijiex affidabbli għaliex huma riflessjoni tal-varji *invoices* li ġew ukoll preżentati fil-kors tas-seduti.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut tilqa’ t-tieni talba attriċi iżda fl-ammont ta’ elf, ħames mija u tmienja u sittin Lira Maltin u tmien ċenteżmi (Lm1568.08) liema somma l-Qorti tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lis-soċjeta’ attriċi, bl-imgħaxjiet legali mid-9 ta’ Frar, 1996. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------